**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 344/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Kurt Zammit**

**<u>Illum 16 ta' Jannar 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Kurt Zammit** detenur tal-karta tal-identita Maltija **424101L**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Matul il-lejl ta' bejn il-31 ta' Lulju 2023 u l-1 ta' Awwissu 2023, ġewwa Block G, Apartment 13, Triq Jean Houel, San Ġiljan, Malta:

1. Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (C2,329.37), bil-lok u bil-hin, li sar ghad-dannu ta' Carmel Zahra u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi volontarjament hassar, għamel hsara jew gharraq ħwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u dan għad-detriment ta' Carmel

Zahra u/jew persuni ohra, liema ħsara ma teċċedix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500), iżda teċċedi il-mitejn u hamsin Euro (€250);

3. U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi kkommetta reat ieħor u b'hekk kiser provvediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, mogħtija fil- konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D., datata 13 ta' Ġunju 2022, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Ottubru,2023, fejn sabet lill-imputat hati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel u t- tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu ghall-perijodu ta' wiehed u għoxrin (21) xahar priġunerija effettivi;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ewwel qorti sabet lill-imputat hati, fuq ammissjoni tiegħu stess, tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia li wettaq reat ta' natura volontarja tul il-perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation impost fuqu mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Ġunu 2022, u b'hekk qed ittrattat miegħu dwar ir-reati mertu tas-sentenza fl-ismijiet "**Il- Pulizija v. Kurt Zammit**" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Ġunju 2022, daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati, u filwaqt li tikkonferma l-ħtija tiegħu għal dawk ir-reati (ossia l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il- hames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet hemm dedotti kontrih, in kwantu kien ġie misjub mhux hati tat-tieni u tad-disa' imputazzjoni dedotti kontrih u b'hekk ġie liberat minnhom), ikkundannatu għall-perijodu ta' sbatax-il (17) xahar priġunerija effettiva.

Peress illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti poggiet lill-istess imputat taht Ordni ta′ Trattament għall-perijodu ta′ hames (5) snin dekoribbli mid-data ta 'din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta′ 'Ordni ta′ Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Dan l-Ordni ta′ Trattament gie magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u kura kollha meħtieġa, inkluż li jsegwi programm ta' rijabilittazjoni mill-vizzju tad-droga fuq bażi residenzjali, sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju ta' l-abbuż ta 'droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruhu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li ftali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti astjeniet wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jiġi kkundannat iħallas kumpens lill-vittma f'dawn il-proċeduri in kwantu ma tressqux provi in bażi għal liema tali talba tista' tiġi kkunsidrata u deċiża.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Kurt Zammit preżentat fir-reġistru ta′ din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta′ Ottubru 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tinforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar il-ħtija izda tibdilha dwar il-piena billi tingħata piena iqsar illi iktar tagħmel għall-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

L-imputat appellant illum ammetta li kien seraq 2,329.37 Euro mingħand Carmel Zahra u persuni oħra u aktar, li għamel serq li jeċċedi 1-250 Euro imma ma jaqbizx 1-2500 Euro u li kiser il-provedimenti tal-Artiklu 7 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta, liema sentenza ngħatat fit-13 ta' Gunju 2022 u saret definittiva. Kif ingħad, I-appellanti ammetta l-imputazzjonijiet kollha tiegħu. L- agravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej

Naturalment, I-uniku agravju li l-esponenti jista' jqajjem huwa dwar il- piena.

Dwar il-piena għandu jingħad li kif xehed l-ispettur Zakkary Zammit, Kurt Zammit ikkopera miegħu bis-shih anzi fetaħlu t-twieqi għal kazijiet oħra u persuni ohra nvoluti.

Barra minn hekk saret sottomissjoni li kien hemm ammissjoni bikrija u konsegwentament kellu jingħata dan il-benefiċċju ukoll.

Issa l-kwistjoni kienet l-aktar dwar l-applikazzjoni tal-Artiklu 23 tal-Kap 446 dwar il-ksur tal-Artiklu 7 tal-Kap 446

Is-sentenza kienet ingħatat fit-13 ta' Gunju 2022 u konsegwentament dan iz-zmien kien għadu m'għalaqx meta gew kommessi r-reati allegati li kienu bejn il-21 ta' Lulju 2023 u 1-1 ta’ Awwissu 2023. Jiġifieri għaddiet ftit aktar minn sena. II-Qorti dehrilha li għandha tikkonverti l-istess ghal perjodu ta' 17-il xahar prugunerija effettiva.

Kien sottomess li l-Qorti, kellha fakulta li testendi l-perjodu tal-probation f'dan il-każ għaliex meta persuna tkun qed turi koperazzjoni mal-awtoritajiet f'oqsma bhal dawn dan ghandu jkun ta' benefiċċju għalihom.

Il-Qorti setghet ukoll għall-ksur tal-istess probation tagħti piena differenti u konsiderazzjonijiet ta' dawn il-fatturi.

Rat in-nota ta referenzi tal-Avukat Generali prezentat fir-registru ta′ din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta′ Dicembru 2023 fejn iccita numru ta′ sentenzi li jitkellmu dwar x′ghandha taghmel il-Qorti meta rinfaccjata b′ammissjoni u dwar x′inhu l-iskop tal-piena li ghandha tinghata.

Rat it-talba tal-avukat difensur kif registrata fl-atti nhar l-11 ta′ Jannar 2024 sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f′Qorti ta′ Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-ligijiet ta′ Malta fejn anke talab li jigu ngunti bhala xhieda rappreżentant tal-Habs sabiex jghati informazzjoni dwar jekk l-akkużat kienx pożittiv għad-droga meta ġie ammess il-ħabs u jekk hux qed jittiehdu xi proceduri sabiex jindirizza l-problema tieghu ta′ abbuz ta′ droga u rapprezentant tad-Detox.

Rat ix-xhieda moghtija minn **CF 108 Elvin Gatt** nhar it-20 ta′ Jannar 2024 in rappresentanza tal-habs u kkonferma li meta l-appellant dahal il-habs fis-sena 2020 kien pożittiv għad-droga sintetika. Kien hareg bil-bail xahar wara u rega dahal f′Settembru 2023 u kien pożittiv għad-droga Cannabis. Waqt li dam l-habs ittiehdulu testijiet tal-awrina u dawn dejjem taw riżultat negattiv għal preżenza tad-droga. L-ahhar test ġie meħud f′Jannar 2024. L-imġiba tiegħu ġewwa l-ħabs hija waħda tajba u ilu l-habs minn Settembru 2023.

Rat ix-xhieda ta′ Dr Moses Camilleri mogħtija fis-seduta tat-20 ta′ Jannar 2024 u ikkonferma li l-appellant kien attenda għas-servizz tad-Detox f′Settembru 2023. Kien fil-kustodja tal-pulizija u kienet l-ewwel darba li talab l-għajnuna. Qal li kient ratu Dr Vella u kienet ippreskrivitlu mediċina għax kien qed ibagħti minn ansjetá riżultat tat-teħid ta′ sustanzi illeċiti. Huwa rega rah fis-27 ta′ Settembru 2023 u din id-darba ukoll kien fil-kumpanija tal-pulizija u dan qallu li l-mediċina li kienet tagħtu Dr Vella ma ghenitux u ghalhekk gie moghti iktar medicina. Fis-26 ta′ Settembru 2023 ta′ kampjun tal-awrina tieghu u dan ta′ riżultat pożittiv għal presenza ta′ Cannabis.

Rat ix-xhieda ta′ l-**ispettur Zachary Zammit** mogħtija nhar il-5 ta′ Marzu, 2024 u stqar li l-appellant kien kooperattiv ħafna miegħu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u

sahansitra lanqas talab l-assistenza ta' avukat. Kien deciz li kien ser jgħinhom fuq il-każ. Dan inghata l-police bail sakemm saru xi eżamijiet ta' DNA li nstabet fuq ix-xena tad-delitt mad-DNA tiegħu. Meta kellu jattendi l-għassa dan ma kienx mar għaliex kien spiċċa l-isptar fuq overdose u kien ghalhekk li hareg mandat ta' arrest fuqu u dan ġie arrestat. Dakinhar kien irrilaxja stqarrija twila u kien qallu dak kollu fejn kien involut fih hu kif ukoll dwar il-background tiegħu. Kien qallu li għandu problema kurrenti ta' droga u li ma kienitx l-ewwel darba li pprova jindirizzha. Kien qallu li sieħbu kien wegħdu d-droga jekk jgħinu fis-serqa li kienu ppjanaw dwar serq ta' air guns. Għal-ewwel kien irrifjuta iżda mbagħad ċeda u kienu hu li għasses l-bieb ta' fejn saret is-serqa. Qal li l-ħabib tiegħu kien jgħaddi l-pakkett droga lil missieru izda missieru ma kienx jaf li kien ikun hemm id-droga fil-pakketta. Anke meta kien l-isptar il-ħabib tiegħu kien hadlu d-droga. Qal li l-appellant kien xtaq jammetti mal-prezentata izda ma kienx ghamel hekk ghaliex ried li l-ewwel jgħin lill-pulizija biex issolvi l-kaz u dan ikun komplut. Qal li l-appellant kien irreġistra ammissjoni fis-seduta ta' wara u l-Avukat Generali kien insista li flimkien mal-piena l-ohra jingħata Ordni ta' Trattament sabiex jindirizza l-problema ta' droga. Qal li l-appellant dejjem gab ruhu sew mieghu u jidher li hu tifel li ħakmitu d-droga. Qal li peress li din ma kienitx l-ewwel darba u li sahansitra anke wasal biex jisraq minghand il-familjari tieghu haseb li l-ahjar piena kellha tkun din ta' prigunerija effettiva sabiex jindirizza bis-serjetà l-problema akuta tiegħu ta' abbuż ta' droga. Jghid ukoll li l-appellant kien indikalu min iktar kien involut fis-serqa.

Rat ix-xhieda tal-**probation officer Meredith Zammit** moghtija nhar l-10 ta' April, 2024 fejn stqarret li ma kienitx f'pożizzjoni li tesebixxi r-riżultati tal-urine tests meħuda mingħand l-appellant u lanqas ma setgħet tippreżenta r-rapport tagħha minħabba it-tilwima li kellhom registrat mal-Unions. L-istess Uffiċċjal però xehdet nhar is-17 ta' Ottubru 2024 fejn kkonfermat li kienet giet nominata mill-Qorti tal-Magistrati sabiex issegwi lill-appellant fuq Probation Order u Treatment Order u dan fit-13 ta' Gunju 2022 ghal perijodu ta' tlett snin. Qalet li ghal bidu kien sejjer tajjeb u beda jindirizza bis-serjetà l-problema li kellu dwar teħid ta' droga iżda mbagħad kien hemm perijodu meta ma baqax jżomm kuntatt magħha. Saret taf li kien qiegħed residenti il-ħabs u bdiet tkellmu hemmhekk. Qalet li l-problema ta' abbuz tad-droga

kienet ilha hemm minn żmien l-adoloxxenza. Jidher però li appena jkollu problema jew kriżi f'ħajtu jerġax jdur għad-droga. Riċentement ukoll kellu problema ohra ghax it-tifla li ghandu mill-partner ma kienx qed jaraha għax l-partner tiegħu ma kienitx qed tħallih ikollu aċċess. Qalet li kien hemm perijodu meta kien taht arrest meta kien vulnerabbli u ittenta jikkommetti suwicidju u għalhekk kien qiegħed taht il-ħarsien tal-medical room. Qalet li kien qed jipprova jindirizza l-problema tad-droga meta kien il-ħabs billi jghati l-urine samples tiegħu li lkoll taw riżultat negattiv għal preżenza tad-droga waqt li kien il-ħabs. Pero qalet li t-test hu meta jkun barra biex tara jekk jistax jimxi mal-pjan ta' kura li jiġi imfassal biex żomm il-bogħod mit-teħid tad-droga u jingħata *psycological help* biex jindirizza din l-issue. Qalet li l-appellant irid jindirizza il-*mental health issue* tiegħu, isib xogħol u jitgħallem ma jaqax għal vizzju meta affaċjat b'xi kriżi.

Tispjega li l-familja tieghu kien hemm mewt u separazzjoni u dawn affettwah ħafna ħażin. Qalet li missieru jaghtih is-support u fil-fatt jghix mieghu u dan jipprova jghinu kemm jista.

Il-Qorti rat is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti li sabitu hati fuq ammissjoni tieghu stess u meta giet biex terroga l-piena hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-appellant ikkopera mal-pulizija, in-natura tar-reati imwettqa mill-appellant il-fatt li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li l-appellant ghandu problema akuta ta' tehid ta' drogi. Hadet ukoll in konsiderazzjoni li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-appellant hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**,

Illi fl-uniku aggravju mressaq mill-appellanti hija tilmenta dwar il piena erogata mill-Ewwel Qorti u tgħid li l-Ewwel Qorti kien messha ħadet in konsiderazzjoni numru ta' ċirkostanzi, fosthom il fatt li l-appellant kkooperat mal-Pulizija, u l-fatt li kien jabbuża mid-droga.

Dwar dan l-uniku aggravju mressaq fir-rikors tal-appellanti, liema aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal appellanti allura imputat, din il-Qorti tibda billi tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omar Yusuuf Hodan** (Numru 231/2009) fejn ingħad hekk:

> *"…. Jiġi ribadut li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx teżorbita mill-parametri tal-liġi jew ma tkunx manifestament waħda esaġerata. (Ara. "**Ir Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], "**Ir Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u oħrajn). Illi kif kellha okkażjoni tgħid din il-Qorti, dan il-prinċipju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba ħatja, kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Ġenerali."*

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha wkoll dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Mele**k deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:*
>
> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the 5 591/2020/1 NC punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*

*Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"*

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, u cioe li l-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellanti allura imputata nstabet ħatja tagħhom mill Ewwel Qorti, taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm

xejn x'jiġri ċensurat fiha. Magħdud ma' dan, din il Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll tal-fedina penali aġġornata tal-appellanti hekk kif eżebita quddiem din l-istess Qorti minn liema jirriżulta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti għandha tibqa' mhux mibdula. Illi ma ngabret l-ebda prova differenti minn dik li semghet l-ewwel Qorti ghaliex hija ghandha tiddipartixxi mill-piena moghtija.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Kurt Zammit u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-decide tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-llum.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**